MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 394/2014

**Noel GENOVESE u Patricia GENOVESE**

**Vs**

**Carlo CARUANA, Clive CARUANA u Sharon CARUANA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-13 ta' Gunju, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom is-somma ta' sitt mija disgha u tletin euro u erbatax-il centezmi ta' euro [€639.14c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuti ahwa Carlo u Clive Caruana krew minghand l-atturi konjugi Genovese, sewwasew fis-17 ta' Ottubru 2011, l-appartament numru 7 li jinsab fi Blue Water Suites fi Triq Gulju, Bugibba. Illi l-konvenuti ahwa Carlo u Clive Caruana kienu temmew tali kirja fis-16 ta' Ottubru 2012 u li pero' huma hallew pendenza ta' kont tad-dawl

u ilma ta’ Euro839.14. Illi l-istess konvenuti kienu nkarigaw lill-konvenuta ohthom Sharon Caruana sabiex twieghed u tiggarantixxi l-hlas tat tali pendenza fil-waqt li kkunsinnat ic-cwievet tal-appartament. Illi tali hlas ma sarx fil-mod intier kif imwieghed u garantit izda thallas biss permezz ta’ bank transfers Euro 200, tant li fadal pendenza ta’ Euro 639.14”.

Ra li l-intimati Carlo u Clive Caruana gew debitament notifikati fit-3 ta’ Dicembru, 2014 u li la resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

Ra li l-intimata Sharon Caruana giet debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda tar-rikorrenti Noel Genovese jikkonferma bil-gurament li l-ammont reklamat fit-Talba odjerna ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ra li Dr. Albert Zerafa u Dr. Valentina Lattughi ghar-rikorrenti ddikjaraw li l-istess rikorrenti ma kellhomx aktar provi xi jressqu u talbu lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa’.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' sitt mija disgha u tletin euro u erbatax-il centezmi ta' euro [€639.14c] u dan ghall-kont tad-dawl u ilma li huma kienu uzaw waqt li kienu qeghdin jikru appartament taghhom fi Blue Water Suites fi Triq Gulju, Bugibba. Din il-kirja intemmet fis-16 ta' Ottubru, 2012. Ghar-rigward ta' l-intimata Sharon Caruana, r-rikorrenti qalu li meta huma nghataw ic-cwievet tal-fond lokat lill-intimati fit-tmiem tal-kirja minnha, hija kienet weghdithom u ggarantitilhom l-hlas ta' tali pendenza. Mill-kont originali ta' €839.14 thallset biss is-somma ta' €200 biex b'hekk fadal il-bilanc reklamat f'dawn il-proceduri ta' €639.14c.

Ikkunsidra;

2. Ir-rikorrenti xehed llum stess li l-ammont reklamat minnhom ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimati.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimati lkoll gew debitament notifikati u baqaw qatt ma resqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnhom ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghhom u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' sitt mija disgha u tletin euro u erbatax-il centezmi ta' euro [€639.14c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------